# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-8 laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 21 ta' Gunju 2012 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Aġent Segretarju Ezekuttiv** | Kenneth Brincat |

**08/01** **Talba**

**08/01/01** Il-laqgha bdiet fis-6.00 p.m. billi intqalet it-talba.

**08/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 07**

**08/02/01** Peress li ma kienx hemm emendi, il-minuti gew approvati unanimament u konsegwentament iffirmati.

**08/03** **Punti mtella' mill-minuti**

**08/03/01** ***Para 07/03/02 - Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv :*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li kiteb lid-Dipartiment dwar is-sitwazzjoni, ma kien hemm l-ebda zviluppi min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**08/03/02** ***Para 07/03/03 – Għazla tal-Offerti :*** Is-SE informa lill-Kunsill li s-servizz mill-kuntrattur jibda mill-1 ta' Lulju 2012. Is-Sindku u l-Agent S.E. iffirmaw il-kuntratt mal-kuntrattur. Id-Dipartiment tal-Indafa Pubblika gie infurmat li s-servizz tieghu mhux mehtieg aktar mill-1 ta' Lulju 2012.

**08/03/03** ***Para 07/03/05 - ATM fir-rahal*** – Is-Sindku informa lill-Kunsill, li l-HSBC ghadhom qed jikkunsidraw il-proposta li jinstallaw ATM f'Hal Gharghur.

**08/03/04** ***Para 07/03/06 – Il-Huggiega ta' San Gwann:-*** Il-Kunsillier Vincent Galea spjega li kollox huwa ippreparat ghal din l-attivita' kif gie msemmi u maqbul fil-laqghat precedenti. Hu ser ikompli isegwi u jiehu hsieb l-organizazzjoni tal-attivita' fil-jum taghha. L-attivita' tibda fis-6.00pm ta' nhar il-Hadd 24 ta' Gunju 2012. Is-Sindku

informa li l-Kumitat Festa kien infurmah li mhux ser jorgannizzaw tombla waqt l-attivita'.

**08/03/05** ***Para 07/03/07 - General fitness*** :- Is-Sindku fakkar fl-iskema sports fejn il-Kunsill ghandu jorganizza korsijiet ta' *general fitness*. Il-Vici-Sindku ikkonferma li kien ghadu qed jistenna risposta minghand l-*instructor* u Bertu's Gym biex jigu skedati iz-zewg korsijiet tal-adulti u t-tfal. Dawn ser isiru fix-xahar ta' Settembru 2012.

**08/03/06** ***Para 07/03/08 - Searchlight Battery*** **:-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kiteb lis-Socjeta Maltija tal-Astronomija, dawn irrispondew li kienu ghadhom qed jistennew li jiltaqghu mal-Ministru.

Intant, wara li l-Kunsill ghamel tabelli li juru li din l-proprjeta hija wahda privata, instab li dahlu xi nies fiha. Il-Kunsill kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-Pulizija, izda s'issa ma kien hemm l-ebda zviluppi. Il-Kunsill iddecieda li jitlob laqgha mal-Pulizija u jikteb lill-Enemalta peress li gie nnutat li hemm cables tad-dawl li b'mod abbuziv jidhru dehlin fil-proprjeta. Dan kollhu gie approvat unanimament kif ukoll gie deciz li jekk ma jkunx hemm zviluppi posittiv jigi infurmat ukoll il-Ministru.

**08/03/07** ***Para 07/03/09 – Torri tas-Semaforu*** :- Wara li l-Kunsill kiseb il-permess tad-Dipartiment tal-Artijiet, il-Kunsill issa ser jipprocedi u johrog sejha pubblika ghall-offerti biex dan it-Torri jigi mikri. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb jipprepara *draft* tal-Kuntratt tal-Kera sabiex wara li dan jigi mghoddi lill-Kunsilliera ghall-approvazzjoni taghhom tinhareg is-sejha pubblika. Il-Kunsill unanimament qabel li din il-kirja tibda mill- 1 ta' Settembru 2012 u s-sejha ghall-offerti taghlaq fit-3 ta' Awwissu 2012. Dan kollhu gie approvat unanimament.

**08/03/08** ***Para 07/03/10 - Xoghol ta' bankini fi Triq Karmnu Zarb*** **:-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kont tal-kuntrattur gie rivedut mill-Perit ghal €15,712.87. Issa jonqos konfermi dwar xoghlijiet li saru mill-kuntrattur fuq servizzi tal-GO plc u tal-WSC. Il-Kunsill unanimament qabel li jkompli jistenna risposti minn dawn l-entitajiet u ihallas il-bilanc dovut meta jkollna risposti sodisfacenti izda mhux aktar tard mill-5 ta' Lulju 2012. Il-Kuntrattur ghandu jigi infurmat li hu ghandu jsegwi l-ammont dovut ghax-xogholijiet li hu wettaq ghan-nom ta' GO plc u WSC minghand dawn l-entitajiet.

**08/03/09** ***Para 07/03/11 – Website*** **:-** L-Agent SE informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ghadu qed jistenna xi materjal minghand il-Kunsill. Il-Vici Sindku qal li ghandu ikellem lill-kuntrattur halli tigi ffissata data sa' meta' ghandha tigi ffinalizzata din il-websajt.

**08/03/10** ***Para 07/03/12 – Soft Area fi Triq San Gwann*** **:-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-pompa ta' Gnien il-Paci giet installata. Il-Kunsill approva unanimament il-pagament dovut lill-kuntrattur ghal dan ix-xoghol.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**08/03/11** ***Para 07/03/14 – Jum Hal Gharghur :-*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal provvista' ta' *PA system, dawl u generator* giet ippubblikata u taghlaq fil-25 ta' Gunju 2012. Il-Vici-Sindku spjega li bhala programm hemm ikkonfermat iz-zeffiena tas-soltu, Christabelle, Amanda, Glenn u Kurt Calleja. Il-Vici-Sindku ghandu jressaq f'laqgha ohra l-programm finali tal-attivita' bl-istima tal-ispejjez involuti. Il-Kapillan ser jigi infurmat dwar il-quddiesa ta' Jum il-Gharghur kif ukoll dwar il-partecipazzjoni tal-Kor Pax Christii.

Fir-rigward tal-attivita' tat-tfal, it-trasport ser jitlaq mill-Pjazza fid-9.45pm u t-tfal ser jittiehdu jaraw film fl-Empire Cinema.

Rigward l-attivita' ghaz-zghazagh il-Kunsillier Christopher Fenech spjega li inbidel il-post tal-attivita', fejn issa ser issir f'Ghar San Brinkat. Hu informa lill-Kunsill li dan mhu ser ibiddel xejn minn kif kien ippjanat il-programm, bl-unika differenza li issa m'hemmx bzonn ta' gwardjan lokali. .

Finalment gie deciz li jinhareg *leaflet* bl-attivitajiet relatati ma Jum Hal Gharghur. Il-Vici Sindku ser jiehu hsieb dan il-*leaflet.*

Dan kollu gie approvat unanimament.

**08/03/12** ***Para 07/03/15 - Open Noticeboard fil-qasam tad-Djar tax-Xwieki :-*** Il-Kunsill kiseb kwotazzjonijiet biex issir din in-*noticeboard* bil-prezz ta' €80 ghall-Openboard, €30 ghall-bollard, u €20 ghal board tax-Xelter. Il-Kunsill approva unanimament dawn il-kwotazzjonijiet.

**08/03/13** ***Para 07/03/20 - Pots fi Sqaq ic-Cawl :-*** Wara li l-Kunsill avvicina lill residenti dwar dawn il-pots hadd ma assuma responsabbilta' u ghalhekk il-Kunsil iddecieda unanimament li ghandu jnehhi dawn il-*pots* huwa stess peress li huma ta' ostaklu ghat-traffiku.

**08/03/14** ***Para 07/03/22 – Passagg fi Triq il-Gnien:-*** Is-Sindku informa li ghad irid jigi avvicinat sid l-art halli jiehu hsieb jaghlaq dan il-passagg.

**08/03/15** ***Para 07/03/24 – Korsijiet tal-First Aid :-*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-Korsijiet tal-First Aid, dawn ser jibdew nhar l-Erbgha 4 ta' Lulju, u nhar il- Gimgha 6 ta' Lulju. Il-Kunsillieri ser jiftehmu bejniethom sabiex ikunu prezenti waqt li jsiru dawn il-korsijiet kull nhar ta' Erbgha filghaxija.

**08/03/16** ***Para 07/03/25 – Kors tal-Flower Arrangement:-*** Is-Sindku informa li ghal dan il-kors applikaw 7 persuni. Gie unanimament deciz li f'laqgha ohra jigu miftehma l-arrangamenti halli jibda dan il-kors.

**08/03/17** ***Para 07/05/06 – Bozza fi Triq Emmanuel Perren:-*** Il-Kunsill gab stima biex din il-bozza terga' tehel mal-binja gdida wara li din kienet temporanjament twahhlet ma arblu sakemm tlesta l-bini, liema spiza tammonta ghal €83. Gie unanimament deciz

li tigi segwita l-procedura tas-soltu.

**08/03/18** ***Para 07/05/10 - Traffic lights fi Triq il-Gnien:-*** Il-Kunsill innota li wara li l-Kunsillier Vincent Galea rega' ressaq din it-talba f'laqgha li hu kellu ma ufficcjali minn TM, jidher li din it-talba ser terga tigi rifjutata.

**08/03/19** ***Para 07/06/03 – Servizzi Socjali mill-ufficcju tal-Kunsill : -*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali beda jaghti s-servizz mill-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li r-rispons mir-residenti kien wiehed tajjeb hafna.

**08/03/20** ***Para 07/06/14 – UIF: Bankini ta' Triq 31 ta Marzu:-*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-perit tal-Kunsill qed jiehu hsieb jaghmel l-istimi necessarji biex tiddahhal l-applikazzjoni ghal-fondi mill-UIF.

**08/03/21** ***Para 07/07/02 – Xelter :-*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie ikkonfermat mill-WSC li l-ilma li qed innixxi fix-xelter, gej minn xi gibjun fil-vicinanzi jew inkella hu ilma li jidhol meta taghmel hafna xita.

**08/03/22** ***Para 07/07/10 – Laqgha ma' Transport Malta :-*** Il-Kunsillier Vincent A. Galea iltaqa' mal-ufficcjali tat-Transport Malta, u ghandu jressaq rapprezentazzjonijiet tal-Kunsill lit-Transport Malta bil-miktub.

**08/03/23** ***Para 07/07/11 – Gemellagg ma Cefalu :-*** Gie unanimament deciz li l-Kunsillier Vincent A Galea igib id-dettalji ta' dan il-Kunsill halli niktbu formalment lis-Sindku ta' Cefalu u ngharrfuh bix-xewqa li jinbdew diskussjonijiet sabiex isir gemellagg.

**08/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**08/04/01** L-Agent S.E.ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Din giet approvata unanimament.

**08/04/02** L-Agent SE ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti tal-*Petty Cash* ghax-xahar ta' Mejju li giet approvata unanimament.

**08/04/03** L-Agent SE ipprezenta kontijiet li dahlu wara li giet ippreparata l-iskeda ta' pagamenti, sabiex jigu approvati mill-Kunsill. Dawn jinkludu :- €5 lil Salvu Fenech ghal xiri ta' *Plywood*, €237.10 lil Carmel Muscat ghas-servizzi taz-zamma tal-latrini u l-gheluq ta' Gnien il-Paci ghax-xahar ta' Mejju, €81.55 lil Daniel Bezzina ghal xoghlijiet ta' manutezzjoni fuq lampi ornamentali. Il-Kunsill approva unanimament.

**08/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**08/05/01** Ilment biex fi Triq ix-Xwieki terga tinbena *road hump* ghax giet

lixxa mal-art. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u nnota li jekk tinqala l-*hump* li hemm prezentament li hi tat-tarmak trid issir wahda tar-rubber li hi inqas gholja u probabli tkun inqas effettiva. Gie ghalhekk unanimament deciz li ahjar li tibqa l-*hump* li hemm prezentament u jekk hemm bzonn isir fuqha xi *patching*.

**08/05/02** Ilment dwar ipparkjar ta' krejn fuq *parking bays* fi Triq San Gwann. Il-Kunsill unanimament qabel li dan l-ilment ghandhu jitressaq mir-resident ghall-attenzjoni tal-Pulizija.

**08/05/03** Talba biex issir *road hump* fi Triq San Gwann. Il-Kunsill unanimament qabel li din it-talba ma ghandiex tintlaqa' ghaliex il-*policy* tal-Kunsill hi li ma jsirux aktar *traffic humps* f'toroq li ghandhom il-bankini.

**08/05/04** Talba minghand residenta ta' Triq San Gwann biex isiru sinjali sofor quddiem ir-residenza u *parking bays* ftit aktar 'il fuq minhabba li l-vetturi qed jaghlqu l-access ghar-residenza taghha. Il-Kunsill unanimament qabel li jaghmel il-linji sofor biss.

**08/05/05** Ilment dwar kaptell fuq bankina fi Triq 31 ta' Marzu peress li ghandhu virga tal-hadid sporguta l-barra. Il-Kunsill unanimament qabel li s-sid ghandu jigi mitlub sabiex jibdel dan il-kaptell.

**08/05/06** Ilmenti minn residenta li toqghod fil-vicinanzi ta' stabbilimenti f'Misrah il-Knisja, dwar l-istorbju u daqq ta' muzika f'hinijiet tard fil-gurnata kif ukoll dwar hrug tal-iskart f'hinijiet ferm qabel ma jghaddi l-*iscammel*. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ghandu jghaddi dawn l-ilmenti lill-Pulizija. L-istess residenta ilmentat wkoll dwar il-hrug ta' permessi mill-Kunsill ghall-attivitajiet fit-toroq. Il-Kunsill ghandu jwiegeb li huwa fid-dover tal-Kunsill li johrog dawn il-permessi skont kif rikjest mill-ligi.

**08/05/07** Ilment dwar resident ta' Sqaq il-Hofra li wahhal bollards fit-triq. Is-Sindku ddikjara li qed jezenta ruhu mid-diskussjoni minhabba li hu ghandu parentela mar-resident li dwaru dahal l-ilment.

Wara li l-Kunsill gibed l-attenzjoni ta' din il-persuna li wahhlet dawn il-bollards, din wiegbet li dawn twahhlu fuq proprjeta' privata. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jivverifika dwar jekk din l-art hijiex privata jew pubblika u ghandu jikteb lill-MEPA dwar jekk dawn sarux skont il-ligi.

**08/06 Korrispondenza**

**08/06/01** Korrispondenza li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar 1464/12, 1178/07, 2413/09, 0733/12, 0636/12, 0957/12, 0563/12, 0975/12, 1366/12. Din il-korrispondenza giet innotata.

**08/06/02** Korrispondenza minghand Austin Walker, Chairman tal-MEPA fejn stieden lill-Kunsill Lokali ghal-laqgha. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mmedjatament.

**08/06/03** Korrispondenza minghand l-Enemalta rigward bozoz li jinsabu fi Gnien il-Paci biex jitnehhew u minflok jitwahhlu fuq barra tal-gnien. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ninsistu mall-Enemalta sabiex dawn il-bozoz ma jitnehhewx. Jekk l-Enemalta tiddeciedi li tkompli bix-xoghol dan ghandu jsir ghas-spejjez taghhom.

**08/06/04** Korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskema ta' Lifelong Learning. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu japplika ghall-korsijiet ghall-adulti tal-Malti, Ingliz, Somom u kors dwar l-Ahjar Uzu tal-Energija fid-djar domestici.

**08/06/05** Korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-Car Free Day. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jippartecipax.

**08/06/06** Korrispondenza minghand Green MT, fejn il-Kunsill jixtieq jikkjarifika li l-iskema tat-tqassim tal-kontenituri lir-residenti biex jingabar l-iskart tal-hgieg, saret b'inizjattiva tal-Green MT fejn dawn qed joffru dawn il-kontenituri minghajr hlas.

**08/07** **Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**08/07/01** Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew talbu biex jaghmlu uzu mis-sala tal-Kunsill ghal darbtejn biex isiru lezzjonijiet tal-muzika minhabba xi xoghlijiet li ser ikunu ghaddejjin fis-sala taghhom. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**08/07/02** Il-Vici-Sindku issuggerixxa biex il-Kunsill jitlob lil dawk l-istudenti li jkunu iggradwaw sabiex kopja tat-tezi taghhom tigi mghoddija lill-Kunsill sabiex titpogga fil-librerija pubblika. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**08/07/03** Il-Kunsillier C. Fenech ipprezenta l-minuti tas-Sotto-Kumitat taz-Zghazagh li gew moqrija u kkunsidrati mill-Kunsill.

**08/07/04** L-Agent S.E. informa lill-Kunsill li kienu dahlu applikazzjonijiet minghand is-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew kif ukoll mill-Kazin Laburista sabiex jigu organizzati attivitajiet fil-Pjazza tal-Knisja u fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill unanimament approva dawn l-attivitajiet bil-patt li tigi segwita l-procedura tas-soltu fil-hrug tal-permessi.

**08/07/05** Gie unanimament deciz li jintraw bozoz '*energy saving*' halli jinbidlu l-bozoz ta' Gnien il-Paci.

**08/07/06** Il-Kunsillier V. Galea ssuggerixxa li hu jorganizza zjara ta' gurnata fi Sqallija fit-8 ta' Settembru. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsillier Galea jibda l-preparamenti ghal din iz-zjara. Ghandu jkun zgurat li l-hlas li jintalab minghand dawk li jkunu ser jattendu jkopri l-ispejjez kollha involuti. Il-Kunsillier Galea ser

jghati aktar dettalji fil-laqghat li gejjin.

**08/07/07** Gie unanimament deciz li fuq il-Facebook page tal-Gharghur Local Council Group jithallew biss messaggi li huma relatati mall-operat tal-Kunsill Lokali.

**08/08 Aggornament**

**08/08/01** Il-laqgha giet aggornata fit-8:45 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar il-Hamis 5 ta' Lulju fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kenneth Brincat** | **5 ta' Lulju 2012** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |